

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Lulju 2019 fil-Każ R 2427/2018-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 72(2) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2017/1001;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2017/1001.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Settembru 2019 – Katjes Fassin vs EUIPO – Haribo The Netherlands & Belgium (WONDERLAND)

(Kawża T-616/19)

(2019/C 363/43)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Katjes Fassin GmbH & Co. KG (Emmerich am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Schmitz u M. Breuer, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Haribo The Netherlands & Belgium BV (Breda, il-Pajjiżi l-Baxxi)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni “WONDERLAND” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1 6 2 6 3 2 9 5

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Lulju 2019 fil-Każ R 2164/2019-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2019 – ArcelorMittal Bremen vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-623/19)

(2019/C 363/44)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: ArcelorMittal Bremen GmbH (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: S. Altenschmidt u L. Buschmann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikkjara, skont l-Artikolu 265 TFUE, li l-Kummissjoni kisret it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(4) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE⁽¹⁾ billi naqset milli tiddeċiedi dwar l-ammont annwali totali, ikkomunikat lilha mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fit-12 ta' April 2019, tal-kwoti ta' emissjoni allokatu mingħajr ħlas għal estensjoni sinjifikattiva tal-kapaċità tas-subinstallazzjoni ta' parametru referenzjarju ta' prodott għall-metall sħun tal-impjant bil-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-installazzjoni 60 fi Bremen;
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2019 dwar it-talba tar-rikorrenti tat-12 ta' April 2019;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.